MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 27/2007

**A.F. Ellis (Homes Décor) Ltd**

**vs**

**Direttur Generali, Dipartiment tal-Kuntratti**

**Il-Qorti,**

Dak li wassal ghall-appell lil din il-Qorti mis-socjeta` rikorrenti hi l-ittra tas-6 ta’ Lulju, 2007 li permezz taghha id-Direttur Generali appellat baghat javza lis-socjeta` appellanti illi t-*tender* “*for the supply, delivery & laying of natural paving material for Merchant Street and St. John’s Street, Valletta*” (Advert Notice No. CT 164/2007) kienet qed tigi kkancellata u li ser jitnieda “Negotiated Procedure” ma’ l-offerenti interessati. F’dak l-istess jum intbaghtet lis-socjeta` appellanti ittra mid-Direttur Generali

(Xoghlijiet) li fiha giet ikkomunikata l-gurnata u l-hin tal-laqgha konnessa man-Negotiated Procedure;

L-obbjezzjoni principali tas-socjeta` appellanti ghal dik id-decizjoni ta’ l-appellat hi riferibbli ghal procedura maghzula tan-negozjati prevvisti mir-Regolament 66 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 174.04 inkorporanti r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici, akkompanjata minn talba li, f’kull kaz, id-Direttur Generali appellat ghandu juniforma ruhu mad-dispost tar-Regolament 65;

Kontra l-appell interpost id-Direttur Generali ssolleva, in linea preliminari, il-pregudizzjali tan-nullita` u irritwalita` ta’ l-appell ghall-motiv li dan gie pprezentat “*fuori termine*” id-dispost tar-Regolament 6(4) li jipprovdi illi “kull persuna interessata li thossha aggravata b’decizjoni li tittiehed mid-Direttur tal-Kuntratti skond dan ir-regolament tista’, dwar punt ta’ ligi, tappella quddiem il-Qorti ta’ l-Appell (Gurisdizzjoni Inferjuri) kif kostitwita skond l-Artikolu 41 (6) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili permezz ta’ rikors li jigi pprezentat fir-registru ta’ dik il-qorti fi zmien tletin gurnata tax-xoghol minn meta dik id-decizjoni tkun saret pubblika”. Hi proprju din il-pregudizzjali li ser tigi deliberata u deciza hawnhekk;

Jigi osservat bi preliminari illi fil-generalita` tar-riti processwali fid-diversi ligijiet ghal liema hu konsentit appell, it-termini preskritti ghall-appell jinkwadraw ruhhom taht l-istitut generali tad-dekadenza. Dan, ghas-semplici fatt materjali u oggettiv tad-dekorrenza taz-zmien. Salv fil-kazijiet eccezzjonali prevvisti mil-ligi procedurali (Artikolu 108 u l-proviso ta’ l-Artikolu 109, Kapitolu 12) it-terminu hekk preskritt ma hu soggett ghall-ebda proroga, sospensjoni jew interruzzjoni. Stante din l-inderogabilita` tieghu hi f’lokha r-riflessjoni li ghamlet il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza “**Giuseppe Caruana -vs- Charles Psaila**”, 21 ta’ Marzu, 1997, fis-sens, illi “l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u f’ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri

quddiem il-Qrati u quddiem it-tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux bl-ebda mod jigu injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula";

Ugwalment, dan jghodd ghall-Qorti nnifisha, anke fl-assenza ta' xi eccezzjoni espressa fir-rigward mill-parti. Ghax kif ritenut mill-Qorti ta' l-Appell, sede Civili tat-3 ta' Ottubru, 1927 in re: "**Caterina vedova Mallia Tabone -vs- Nobbli Gio Carlo Mallia *et***", "*in materia di termini perentoriamente fissati dalla legge sotto pena di decadenza, quali sono quelli entro cui è lecito presentare le scritture d'appello, la nullita` puo essere sollevata o dichiarata dalla Corte, astrazion fatto da qualsiasi acquiescenza delle parti eccetto nei casi ove è stabbilito il contrario, poiche riversa in tema di disposizioni procedurali di ordine pubblico che non è lecito ai contendenti di modificare o violare nemmeno di comune accordo*";

Ferma din il-preliminari, ir-Regolament 6 (4) fuq riportat ghandu jkun interpretat fis-sens illi t-terminu fih preskirtt ghall-proposizzjoni ta' l-appell mid-decizjoni tad-Direttur huwa wiehed perentorju. It-tletin gurnata huma "jiem ta' xoghol" (Ara Artikolu 124, Kapitolu 12) li jibdew jghaddu mill-pubbikazzjoni tad-decizjoni (ara Artikolu 101 u Artikolu 102 tal-Kapitolu 12);

Fil-kaz prezenti d-decizjoni ta' l-appellat li jikkancella t-*tender* u jinizja "Negotiated procedure" iggib d-data tas-6 ta' Lulju, 2007. F'dan il-kuntest jinghad ukoll mix-xhud Connie Azzopardi, Procurement Manager fid-Dipartiment tal-Kuntratti, prodotta quddiem din il-Qorti fl-udjenza tas-6 ta' Gunju, 2008 illi dik l-istess decizjoni twahhlet ukoll man-*notice board* tad-Dipartiment. Jinkombi fuq is-socjeta` appellanti l-oneru tal-prova ta' l-osservanza tat-terminu tat-tletin guranata tax-xoghol u, allura, tat-tempestivita` u ammissibilita` ta' l-appell promoss minnha ghax hija hi li pproponiet l-appell. Jekk hi ma tassolvix dan l-oneru, dan igib li l-gravam taghha ghandu jitqies

inammissibbli minn din il-Qorti minhabba t-trapass tat-terminu;

Issa fil-kors tad-dibattitu orali s-socjeta` appellanti tissottometti, taht l-apparenza ta’ xi sanatorja jew ta’ remissjoni fit-terminu, illi l-punt tat-tluq tad-dekorrenza tat-terminu ma kienetx strettament id-data tas-6 ta’ Lulju, 2007 in kwantu l-procedura negozjata li ssemmi l-istess ittra, u anke l-ligi, kienet miftuha ghat-*tenderers* kollha u dan il-process ma kienx maghluq. Rispettosament, u sincerament, din il-Qorti ma tistax ragonevolment taccetta din il-proposizzjoni azzardata in kwantu, u apparti l-ininfluwenza taghha fuq it-trapass taz-zmien, l-impunjattiva tas-socjeta` appellanti ghall-procedura negozjata ma setghetx hlief originat mid-decizjoni mehuda bl-ittra tad-Direttur tas-6 ta’ Lulju, 2007 li *expressis* tirreferi ghal dik il-procedura. Tant hu hekk li l-istess socjeta` appellanti b’ittra taghha tal-11 ta’ Lulju, 2007 wiegbet ghal dik l-istess missiva biex tissolleva dak li hi kkwalifikat bhala “irregolaritajiet” u talbitu jikkancella l-istess “procedura negozjata” mibdija mill-Works Division, altrimenti, kif avvertit *in calce* “*we shall be exercising our right to appeal the decision of the General Contracts Committee*”;

La dik l-ittra tas-6 ta’ Lulju, 2007, anke ghas-socjeta` appellanti (li ma jistax lanqas jinftiehem xort’ohra) kienet id-data effettiva tad-decizjoni mehuda u kwerelata minnha, iz-zmien ghall-prezentata ta’ l-appell lil din il-Qorti kellu jiddekorri minn dik l-istess data konkreta u minn ebda data ohra astratta. L-appell, invece, gie f’dan il-kaz intavolat fit-23 ta’ Awissu, 2007. Li jfisser, oltre it-tletin gurnata tax-xoghol li jsemmi ir-Regolament 6 (4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja. Jikkonsegwi illi l-appell ma kienx ritwalment propost fit-terminu utili u ghandu konsegwentement jigi dikjarat null.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ l-pregudizzjali tad-Direttur Generali appellat ta’ l-irritwalita` u nullita ta’ l-appell tas-

socjeta` rikorrenti appellanti in kwantu minnha interpost *fuori termine*, bi ksur tar-Regolament 6 (4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 174.04. L-ispejjez tal-prezenti procedura jitbatew mill-istess socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------